# XEWQA FIL-MILJA TA' ĦAJTI

Irrid jien naf fejn hawn fid-dinja tagħna
Xi ħadd li ma ġarrabx f'waqtiet moħqrija:
Nuqqas ta' ħaqq, minn min b'idejh setgħana
Jew jgħum fil-ġid, ma jridx li jaf b'mogħdrija!

Sibuli ruħ li m'hix f'waqtiet xebgħana
Minn din il-ħajja fuq din l-art mifnija:
B'nuqqas ta' ġieħ, b'twegħir bejn ġnus felħana
Li reġgħu seħtu l-art b'nirien u dmija.

Nixtieq li hemm xi art imqar imbegħda,
Fejn jgħixu biss bnedmin għall-ħaqq magħrufa,
Li jafu kif ma jkunu qatt għedewwa:

Xi art b'nies ħielsa u ġwejda bħal ħarufa
Li jħobbu s-sewwa u jisħtu lill-mibegħda:
Nixtieq li ngħix f' xi mkien għall-ħaqq u s-sewwa!

Villa Lija

M. AGIUS